**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 30 ta` Jannar 2017**

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 1922/2016 JZM fl-ismijiet :**

**Adele Muscat (ID 144967M)**

***kontra***

**Kummissarju tal-Artijiet**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Ir-rikorrenti pprezentat rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("**il-Mandat**") fit-30 ta` Dicembru 2016. Mar-rikors kienu prezentati dokumenti.

Fit-30 ta` Dicembru 2016, il-Qorti tat digriet fejn ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati, tathom ghaxart (10) zmien sabiex iwiegbu bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-Hamis 12 ta` Jannar 2017 fid-9.15 a.m.

L-intimat kien notifikat fit-30 ta` Dicembru 2016 u pprezenta risposta fl-4 ta` Jannar 2017 fejn ikkontesta t-talba ghall-hrug tal-Mandat.

Ir-rikors kien trattat fl-udjenza tat-12 ta` Jannar 2017.

Wara dik l-udjenza, ir-rikors thalla ghal provvediment kamerali.

Dan huwa l-provvediment.

## II. <u>It-talba</u>

Ir-rikorrent pro et noe **<u>talab</u>** lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` l-Mandat kontra l-intimat sabiex jinzamm milli :-

***jezegwixxi l-ordni ta` zgumbrament ai termini ta` l-Artikolu 3(1) tal-Kap 228 tal-Ligijiet ta` Malta skond l-avviz hawn anness u mmarkat Dok A u Dok B, u b`kull mod iehor jizgombra u/jew icahhad lill-esponenti mill-kirja u pussess li hija tgawdi fuq il-banka tal-lottu Nru 14, Kiosk 10, li tinsab fil-venda tal-linja, Bieb il-Belt, Valletta.***

## III. <u>L-Art 3(1) tal-Kap 228</u>

Id-disposizzjoni taqra hekk :-

*Il-Kummissarju, jekk fil-fehma tieghu jkun hekk mehtieg jew spedjenti li jaghmel, jista` fid-diskrezzjoni assoluta tieghu jordna l-izgumbrament ta` kull persuna minn kull art li tkun okkupata minn dik il-persuna minghajr ebda titolu jew li tkun moghtija b`encroachment jew, f `kaz ta` art li minn zmien ghal zmien tkun giet specifikata skont id-disposizzjonijiet ta` l-artikolu 2 ta` l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta` l-Artijiet, meta jkun skada l-perjodu ta` zmien specifikat f`kuntratt li jkun jaghti titolu, u t-tnehhijaa minn hemm ta` kull oggetti mobbli, fi zmien specifikat li jinghata fl-ordni u jista` ghal dak il-ghan jaghti dawk id-direttivi li fil-fehma tieghu jkunu mehtiega biex kull ordni bhal dak jigi ezegwit bl-anqas dewmien possibbli :*

*Izda d-disposizzjonijiet ta` l-artikolu 535 tal-Kodici Civili Kap. 16. ma jkunux japplikaw gJal ordnijiet ta` zgumbrament mahrugin skond is-subartikolu (1).*

*Izda wkoll ordni ta` zgumbrament li jkun gie hekk mahrug ma ghandux jikkostitwixxi ezercizzju arbitrarju ta` drittijiet pretizi skond l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali.*

## IV. <u>L-ordni ta` zgumbrament</u>

L-ordni tal-intimat skont l-Art 3(1) tal-Kap 228 datat 14 ta` Dicembru 2016 ghall-izgumbrament mill-*Kiosk fil-Bus Terminus qabel l-entratura tal-Belt Valletta* kien esebit mir-rikorrenti stess. Ir-rikorrenti segwiet in-notifika tal-ordni bil-prezentata tar-rikors ghall-hrug tal-Mandat.

Fil-kors ta` dan il-procediment, irrizulta li t-tnehhija tal-kiosk de qua kienet rikjesta billi is-sit fejn tinsab se jaghmel parti mill-progett ta` rigenerazzjoni tal-entratura ghall-Belt Valletta li se jibda minn quddiem il-Monument tal-Indipendenza u jibqa` sejjer sad-dhul ghall-Belt Valletta nkluz il-post maghruf ahjar bhala l-*biskuttin* (fejn hemm il-Monument ta` Kristu Re) u s-sit fejn hemm il-Funtana tat-Tritoni.

Fl-istess data tal-ordni l-intimat baghat ittra legali lir-rikorrenti (Dok B) li kienet esebita mir-rikorrenti wkoll.

## V. <u>L-Art 873 tal-Kap 12</u>

L-**<u>Art 873 tal-Kap 12</u>** huwa kompost minn erba` subincizi. Dawk rilevanti ghall-kaz tal-lum huma l-ewwel tlieta. Ighidu hekk :-

*(1) L-iskop tal-mandat ta` inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

*(3) Il-qorti m`ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma` l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Din tal-lum hija talba ghall-hrug tal-Mandat li tinkwadra ruhha fis-subinciz tlieta (3) billi l-intimat huwa persuna b`kariga pubblika u kien ntimat fil-procediment tal-lum fil-kariga ufficjali tieghu.

It-tliet subincizi <u>kif inhuma llum</u> dahlu fil-Kap 12 bis-sahha tal-Art 102 tal-Att XIV tal-2006.

Tajjeb jinghad illi qabel l-emenda bl-Att XIV tal-2006, is-subinciz tlieta (3), li kien gie introdott ghall-ewwel darba bl-Art 8 tal-Att VIII tal-1981, kien jaqra hekk :-

*Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq ma jkunx jista` jigi rimedjat.*

Minn analizi tas-subincizi (1), (2) u (3) tal-Art 873 tal-Kap 12 <u>kif inhuma llum</u>, wiehed isib illi din il-Qorti hija prekluza milli ("***<u>m`ghandhiex</u>***") tordna l-hrug tal-Mandat kif qeghda tirrikjedi r-rikorrenti, <u>sakemm</u> ma jirrikorrux dawn ir-rekwiziti :-

i) Illi l-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent ;
ii) Illi r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet ;
iii) Illi jrid ikun hemm konferma mill-intimat fil-qorti bil-miftuh li l-haga li taghha qed tintalab iz-zamma tkun fil-fatt mahsuba li ssir ;
iv) Illi l-qorti tkun sodisfatta li l-pregudizzju li jinholoq lir-rikorrent, kemm –il darba ma jinharigx il-Mandat, ikun sproporzjonat meta mqabbel ma` l-istess ghemil tal-haga li r-rikorrent jitlob li tigi mizmuma.

## VI. <u>Gurisprudenza</u>

Il-Qorti sejra taghmel riferenza ghal xi principjji li hargu mill-gurisprudenza tal-qrati taghha dwar kif ghandhom jitqiesu r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat, u li huma rilevanti ghall-kaz tal-lum :-

1) Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza **<u>Grech pro et noe vs Manfre`</u>** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –

*... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

2) Dwar l-element tal-htiega, fil-provvediment taghha tat-18 ta` Dicembru 2009 fl-atti tar-rikors Nru 1935/09 fl-ismijiet **"Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija"** din il-Qorti (**PA/JRM**) ippronunzjat ruhha hekk –

*"Tqis li l-htiega ghall-hrug ta` Mandat bhal dan tintrabat sewwa ma` l-fatt jekk il-hsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun wahda li ma tistax tissewwa mod iehor. Jekk l-inkonvenjent jew il-hsara lamentat jista` jitnehha, mqar b`decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes it-tieni element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat".*

(**ara wkoll** : il-provvediment ta` din il-Qorti **PA/AM** moghti fit-2 ta` Jannar 1993 fl-atti tar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta` Inibizzjoni fl-ismijiet "**Borg Grech vs Gasan et noe**").

3) L-element tal-pregudizzju llum bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-Mandat kontra l-Gvern m`ghadux dak ta` pregudizzju *li ma jkunx jista` jigi rimedjat*, kif kien il-kaz qabel dahlet l-emenda ghall-Art 873 bl-Att XIV tal-2006. Illum bizzejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-Mandat li dak il-pregudizzju jkun *sproporzjonat* fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

4) Dwar id-dikjarazzjoni quddiem il-qorti bil-miftuh, din il-Qorti, fil-provvediment taghha tal-5 ta` Jannar 2016 fil-procediment fl-ismijiet "**Anthony Camilleri et vs Onor Ministru Dott Christian Cardona**" qalet hekk :-

*" ... illi ghall-fini tal-Art 873(3) mhuwiex il-kompitu tal-Qorti li, fi procediment ghall-hrug ta` l-Mandat kontra l-Gvern, tistharreg u tindaga dwar l-attendibilita` tad-dikjarazzjoni li tkun qeghda ssir fil-miftuh. Jekk tidhol fi process ta` din ix-xorta, il-Qorti tkun qeghda tohrog mill-binarji previsti mill-Art 873(3).*

*Tajjeb li jkun rilevat ukoll li fejn l-Art 873(3) jitkellem dwar illi "l-qorti tkun sodisfatta" dik il-frazi mhijiex qeghda tirreferi ghall-konferma o meno, izda qeghda torbot mar-rekwizit erbgha (iv) li huwa l-"isproporzjon fil-pregudizzju". Bejn it-tielet (iii) rekwizit u r-raba` (iv) rekwizit, il-legislatur uza l-konguntiv "u". Ghal din il-Qorti dan sar sabiex min-naha wahda jaghmel distinzjoni bejn it-tielet (iii) rekwizit u r-raba` (iv) rekwizit, u min-naha l-ohra sabiex jinsisti li fis-sitwazzjoni prevista fl-Art 873(3) iz-zewg rekwiziti jridu jsehhu flimkien."*

5) L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi **mhux** alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti **hija obbligata** tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat.

6) Il-procedura tal-Mandat hija eccezzjonali u straordinarja ("**<u>Xuereb noe vs Hili noe</u>**" : Qorti tal-Kummerc : 22 ta` Settembru 1994).

7) Il-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Huwa propju ghalhekk li l-ligi stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat ghandha jew tintlaqa` jew tigi michuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti, fi procediment bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Dan ifisser illi l-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta` l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Il-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

## VII. <u>Risultanzi</u>

***In primis*, il-Qorti sejra tqis is-sussistenza tat-tieni rekwizit u cioe` jekk jidhirx illi r-rikorrenti ghandha jedd *prima facie.***

**Sejra taghmel dan ghaliex jekk dan it-tieni rekwizit ma jirrizultax, allura jkun ghal kollox inutili li tistharreg jekk jirrizultawx it-tliet rekwiziti l-ohra.**

Ordni ta` zgumbrament mahrug skont l-Art 3(1) tal-Kap 228 jolqot tliet zewg sitwazzjonijiet :-

(a) dak ta` persuna li tkun qeghda tokkupa art tal-Gvern minghajr ebda titolu ;

(b) dak ta` persuna li jkollha art tal-Gvern b`*encroachment* ; u

(c) dak ta` persuna li jkollha art b`titolu skont kuntratt li jistabilixxi zmien, u dak iz-zmien ikun ghadda.

**Mill-assjem tal-fatti u cirkostanzi ta` dan il-kaz, jidher illi l-intimat hareg l-ordni ta` zgumbrament kontra l-intimata abbazi tal-ewwel cirkostanza u cioe` dik ta` okkupazzjoni bla titolu.**

Fit-talba r-rikorrenti tikkontendi li tippossjedi l-banka tal-lottu de qua b`titolu ta` kirja.

Il-procediment kollu tentat mir-rikorrenti huwa fondat fuq din il-pretensjoni.

**Meta rat l-assjem, il-Qorti mhijiex tara illi r-rikorrenti qatt kellha xi titolu ta` kera fil-konfront tal-intimat li abbazi ta` dak it-titolu setghet forsi ggib `il quddiem il-pretensjonijiet taghha.**

Fil-fehma ta` din il-Qorti mhux rilevanti ghall-fini ta` dan il-procediment id-Dok C li esebiet ir-rikorrenti a fol 8 et seq tal-process.

Dak li jista` jirrizulta minn dak id-dokument bl-ebda mod ma jikkonferixxi titolu jew rikonoxximent mill-intimat lir-rikorrenti.

Ir-rikorrenti pprezentat bhala dokument ir-ricevuta Dok D a fol 29 rilaxxjata mid-Dipartiment tal-Artijiet.

Din ir-ricevuta harget fl-isem tal-Band Clubs Association (mhux tar-rikorrenti).

Mir-ricevuta mhuwiex car x`kienet in-natura tat-titolu li kellha l-Band Clubs Association. Fl-istess waqt kien x`kien it-titolu, ir-rikorrenti kienet u baqghet barra mill-*equation.*

Milli semghet fil-kors tad-dibattiment tar-rikors odjern, huwa evidenti illi fil-verita` dak li **attwalment** gara kien illi l-intimat kien qed jaghti gharfien legali lill-Band Clubs Association.

**Tghid x`tghid, sal-livell ta` l-*prima facie,* ir-rikorrenti ma kellha l-ebda rikonoxximent legali – dirett jew indirett – ghall-okkupazzjoni da parti taghha tal-kiosk de qua vis-à-vis l-intimat.**

Il-Qorti mhijiex edotta mill-ftehim i*ntern* li minghajr l-icken dubju kien hemm bejn ir-rikorrenti u l-Band Clubs Association.

Hadd mill-partijiet – **lanqas ir-rikorrenti** – ma gab dak il-ftehim ghall-konjizzjoni tal-Qorti.

Dan premess, il-Qorti tghid illi meta l-Progett ta` l-Entratura tal-Belt Valletta wasal fl-istadju tat-twettieq tieghu, l-intimat ftiehem mal-Bank Clubs Association, billi hallas ammont ta` flus *ex gratia* sabiex tirrilaxxja l-kiosk lill-Gvern.

Dan irrizulta waqt it-trattazzjoni tar-rikors odjern.

**Kenitx ir-rikorrenti edotta b`dak li sar bejn il-Band Clubs Association u l-Gvern ghandu jkun ta` interess ghar-rikorrenti mhux daqstant ghall-iskop tal-procediment tal-lum izda fl-accertament tar-relazzjoni guridika li seta` kien hemm bejn dik l-Association u r-rikorrenti, li certament mhijiex il-mertu ta` dan il-procediment.**

**Tant`iehor premess, hija l-fehma meqjusa ta` din il-Qorti illi *prima facie* r-rikorrenti m`ghandha l-ebda jedd x`tirreklama fil-konfront tal-intimat propju ghaliex m`ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-intimat.**

***Jekk* ir-rikorrenti jidhrilha li garrbet nuqqas ta` xi natura – anke a skapitu tal-affetti personali taghha – din il-Qorti - wara li qieset b`riflessjoni l-inkwiet sollevat mid-difensur tar-rikorrenti – tibqa` tishaq li r-rikorrenti ghandha thabbat il-bieb – jekk jidhrilha xieraq – tal-Band Clubs Association – li maghha jidher li kellha relazzjoni bil-wisq evidenti – izda certament mhux mal-intimat.**

**Dan premess, il-Qorti hija tal-fehma li fi procediment specjali u straordinarju – bhal ma huwa dak tal-lum – ir-rikorrenti ma tistax taghti sembjanza kostituzzjonali jew konvenzjonali ghall-ilment taghha.**

**Qed jinghad dan ghaliex anke jekk – ghall-grazzja tal-argument – jirrizulta ppruvat ksur ta` jedd fondamentali, l-ghoti tar-rimedju jispetta esklussivament ghall-qrati ta` kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali, u r-rimedju mhux necessarjament jissarraf fl-aspettativa tar-rikorrenti.**

**Jekk issir allegazzjoni ta` natura kostituzzjonali jew konvenzjonali, dik l-allegazzjoni ma ssirx jedd *prima facie.***

**Allegat ksur ta` jedd kostituzzjonali jew konvenzjonali ghandu jigi epurat fil-mertu tieghu quddiem il-qorti ta` kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali.**

**Fil-fehma ta` din il-Qorti, fil-kaz tal-lum, ma jissussisti l-ebda ebda jedd *prima facie* fit-termini esposti mir-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat.**

**VIII. <u>Konkluzjoni</u>**

**Billi t-tieni (ii) rekwizit ghall-hrug tal-Mandat huwa nieqes, ma hemmx htiega li l-Qorti tqis is-sussistenza tar-rekwiziti l-ohra, peress illi l-erba` rekwiziti huma kumulattivi <u>mhux</u> alternattivi. Fic-cirkostanzi l-Qorti hija prekluza milli tordna l-hrug tal-Mandat.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dan il-procediment, billi filwaqt li qeghda thassar *contrario imperio* d-digriet taghha tat-30 ta` Dicembru 2016 fejn laqghet provvizorjament it-talba tar-rikorrenti, qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat. Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**